**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, l-Erbgħa tnax (12) ta' Marzu 2025

Kawża Nru 10/2023

**Ir-Repubblika ta' Malta**
***(Spettur Josef Gauci)***
***(Avukat Angele Vella)***

Vs

**Omissis 1**

## A. Preliminari

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Omissis 1**, talli f'dawn il-Gżejjer Maltin, nhar id-dsatax (19) ta' Frar 2023, għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs) u l-erbgħa ta' filgħodu (04:00hrs) fi Triq San Ġakbu, Nadur, Għawdex u Triq ta' Matiju, Nadur, Għawdex u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-Gżejjer:

(1) mingħajr kunsens, ikkommetta penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali b'xi parti oħra tal-ġisem mhux imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq il-ġisem ta' Omissis 2;[1]

(2) u aktar talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih inniffsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inklużi, tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta, fuq il-persuna ta' Omissis 2;[2]

(3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, issoġġetta lil Omissis 2 għal xi att ta' intimita fiżika u għal xi att u, jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u

[1] Artikolu 198(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

jkunu jistgħu raġjonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u jew intimidatorji lejha;[3]

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna, u ċioe lil Omissis 2, kontra l-volonta tagħha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata;[4]

(5) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed l-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Omissis 2, skont kif iċċertifikat Dr Anora Khan MD mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;[5]

(6) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku fuq il-persuna ta' Omissis 2;[6]

(7) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni,

[3] Artikolu 251A(1)(c)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[6] Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika.[7]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Omissis 2.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni għas-sigurta ta' Omissis 2, ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif wkoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tordna lill-akkużat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2024[8] li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat Omissis 1 biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(i) Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Fl-Artikolu 198 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[7] Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] Fol. 536 u 537 tal-atti proċesswali.

(iii) Fl-Artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(iv) Fl-Artikoli 251A(1)(ċ) u 251A(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(v) Fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(vi) Fl-Artikoli 214 u 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(vii) Fl-Artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(viii) Fl-Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ix) Fl-Artikoli 382, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(x) Fl-Artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(xi) Fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u Artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat li waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Novembru 2024 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fil-wieħed u tletin (31) ta’ Ottubru 2024 u f’dik l-istess seduta l-imputat ddikjara li ma kellux

oġġeżżjoni sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jiddikjaraw fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Rat ix-xhieda kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduti tal-ħdax (11) ta' Diċembru 2024 u tal-għoxrin (20) ta' Frar 2025 fejn il-kawża tħalliet illum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Fil-qosor il-fatti tal-każ huma s-segwenti:

Omissis 2 irrappurat li nhar id-dsatax (19) ta' Frar 2023 għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs) wara li kien spiċċa l-Karnival tan-Nadur hija kienet miexja lejn il-vettura tagħha fi Triq San Ġakbu, in-Nadur. Hekk kif waslet ħdejn il-kantuniera ma' Triq il-Buskett, persuna ta' sess maskili ta' karnaġġjon skur mar fuqha u saqsieha fejn kienet il-vettura tagħha. Omissis 2 weġbitu biex iħallieha weħidha għax inkella kienet se iċċempel lill-Pulizija. Dak il-ħin dan ir-raġel qabadha minn għonqha u beda jmissha. Huwa daħħal idu taħt il-libsa tagħha filwaqt li beda jinża' l-qalziet. Hija bdiet tgħajjat kemm tiflaħ iżda dan ir-raġel beda jipprova jagħlqilha ħalqha b'idejh. Omissis 2 ippruvat tigdmu. F'dan il-ħin għaddew xi nies u r-raġel ħarab jiġri minn fuq il-post.

Omissis 2 iddeskriviet lill-aggressur tagħha bħala raġel twil, mibni u bi ftit żaqq. Huwa kellu goatie, kellu xagħru qasir u kellu karnaġġjon skur. Spjegat li hija tikkalkula li kellu erbgħin (40) sena u kien liebes ġakketta skura u flok kannella.

Hekk kif l-aggressur għafsilha wiċċha, huwa kien ikkaġunalha xi ġrieħi bil-maskra li hija kienet liebsa. Dan għaliex huwa għafas din il-maskra ma' wiċċha. Omissis 2 ġiet ċertifikata li soffriet feriti ta' natura ħafifa.

Tramite filmati tas-CCTV footage, il-Pulizija rnexxielha tidentifika lill-imputat bħala s-suspettat aggressur u ipproċediet bl-arrest tiegħu wara li ġie ottenut mandat ta' arrest. Eventwalment l-imputat tressaq il-Qorti fejn bdew il-proċeduri odjerni.

## B. <u>Sinteżi tal-Provi Miġbura</u>

**<u>PS 2100 Lorraine Grech Mifsud</u>**[9] spjegat illi fid-dsatax (19) ta' Frar 2023 hi kienet xogħol il-karnival tan-Nadur. Meta kienet barra l-Għassa, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19.30hrs) ġiet mara fuqha – li imbagħad ġiet identifikata bħala Omissis 2 – li kienet tidher imbeżża u aġitata ħafna. Hija qaltilha li xtaqet issib persuna sabiex tiġi arrestata. Grech Mifsud ipproċediet sabiex tieħu r-rapport.

Omissis 2 spjegatilha illi fil-lejl ta' qabel – u cjoe' il-lejl ta' bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Frar 2023, hija kienet il-karnival tan-Nadur u wara li spiċċa kollox fit-tlieta ta' filgħodu (03.00hrs) hekk kif hija kienet miexja fi Triq San Gakbu u kienet waslet fil-kantuniera ta' Triq Buskett ħareġ persuna ta' sess maskili u staqsieha fejn kienet il-karrozza tagħha. Fil-pront hi qaltlu biex iħalliha bi kwieta għax inkella kienet sejra iċċempel lill-Pulizija. Dak il-ħin, dan il-persuna qabadha minn għonqha u beda jmissha u daħħal idu taħt il-libsa tagħha filwaqt li beda jinża l-qalziet. Il-vittma bdiet tgħajjat kemm tiflaħ u l-aggressur għalqilha ħalqha b'idejh u hi pprovat tigdmu. Dak il-ħin

[9] Fol. 42 – 50 tal-proċess.

għaddew xi nies u dan il-persuna ħarab jiġri minn fuq il-post u hi daħlet tiġri fil-karozza tagħha. Rachel Cremona u Leah Busuttil li inzertaw kienu għaddejjin minn hemm marru fuqha u qalulha li kienu rawh u li kienu ser jgħaddulha kopja tas-CCTV. Omissis 2 infatti baqgħet f'kuntatt magħhom. Il-vittma ddeskriviet lill-aggressur tagħha bħala raġel twil, mibni bi ftit żaqq, xagħru qasir bil-goatie u ta' karnaġġjon skur iżda mhux skur ħafna. Qalet li kellu madwar erbgħin (40) sena u li kien liebes ġakketta skura u flok kannella. Qaltilha li meta għafsilha wiċċha, weġġagħha peress li kienet liebsa maskra u fil-fatt ix-xhud bagħtet lil Omissis 2 l-isptar biex tagħmel ċertifikat mediku. Omissis 2 ġiet ċertifikata li kienet qed issofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa. Ix-xhud infurmat lill-Ispettur Josef Gauci bir-rapport u wara li kkonfermat mal-vittma li kienet għaddiet minn Triq Xjuf ir-Riħ, ġabret filmati tac-CCTV minn diversi djar u għaddiethom lill-ispettur.

Ix-xhud kompliet tispjega illi fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2023 hija kienet 'on call' u sejħilha l-Ispettur Gauci għaliex kellu bżonn ikellem lill-vittma Omissis 2. Dakinhar l-Ispettur kien wera lil Decels sett ta' ritratti u minnhom hija identifikat lill-aggressur tagħha.

PS 2100 Grech Mifsud kompliet tgħid li dakinhar li hija ħadet ir-rapport ta' Omissis 2 setgħet tinnota li l-allegata vittma kellha bħal demm niexef fuq il-parti ta' fuq ta' imneħirha preċiżament bejn l-eyebrows.

Ix-xhud qalet wkoll illi mill-filmati tas-CCTV li hija kienet rat, f'filmat minnhom hija setgħet tara lill-vittma Omissis 2 miexja u raġel miexi warajha.

Filmat iehor kien juri grupp ta' zgħażagħ deħlin ġo garaxx ta' minn fejn ittieħed il-filmat. F'dan l-istess filmat jinstema' twerżieq ta' mara ġej mill-bogħod u jidhru xi żgħażagħ jitilqu jiġru biex jaraw x'kien ġara. F'daqqa waħda jidher wkoll għaddej persuna ta' karnaġġjon skur li x-xhud identifikat bħala l-imputat.

**Omissis 2**[10] bdiet biex qalet li dakinhar tas-Sibt, tmintax (18) ta' Frar 2023 hija kienet attendiet għall-karnival tan-Nadur. Hekk kif spiċċa l-karnival għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs) – meta allura kienet ġia bdiet il-ġurnata tal-Ħadd dsatax (19) ta' Frar 2023 – hija bdiet miexja lejn il-vettura tagħha. Hija kienet qed tagħmel użu minn *google maps* sabiex tasal fit-triq fejn kienet ħalliet il-vettura tagħha. Hija u miexja wieħed raġel saqsieha bl-Ingliż fejn kienet sejra. Hija ma tatx kasu u baqgħet miexja lejn il-vettura tagħha. Għal darba oħra dan ir-raġel reġa' staqsieha fejn kienet sejra. Hija weġbitu lura bl-Ingliż biex jieqaf għax inkella kienet sejra iċċempel lill-Pulizija. Omissis 2 baqgħet miexja iżda ħasset li dan kien għadu miexi warajha. Dan ir-raġel waqaf ikellem tlett (3) żgħażagħ li kienu fuq bankina. Biex tevitah, ix-xhud daħlet ġo Triq Xjuf ir-Rih. Għall-ewwel ħasbet li kienet evitatu. Hija kompliet miexja u daħlet ġo Triq Sant' Indrija u imbagħad għal Triq San Ġakbu fejn kellha l-vettura ipparkjata kantuniera ma' Triq il-Buskett Matilju. F'ħin minnhom ħasset illi r-raġel kien reġa' ġie warajha u staqsieha fejn kienet il-karrozza taghha. Hija beżgħet illi jekk kienet sejra tidħol fil-vettura tagħha, dan kien se jitfagħha fiha, jagħlaqha u ħadd ma jkun jista'

[10] Fol. 62 – 96 tal-proċess.

jismagħha jekk tibda tgħajjat.  Allura għalkemm kienet viċin ħafna tal-karrozza tagħha, hija daret fi Triq Buskett Matilju u qaltlu biex jieqaf għax kienet sejra iċċempel lill-Pulizija.  It-triq ma kellhiex dawl u kien hemm vann abjad u għoli ipparkjat mal-bankina.  Ir-raġel beda jiġri warajha, ħatafha minn għonqha u għafasha mal-vann.  Ġismu kollu kien fuqha.  Hija bdiet tgħajjat mal-ewwel.  Ir-raġel qabadha minn idejha u żammhomlha t-tnejn.  Hija kellha wkoll maskra ma' wiccha.  Hu beda jagħfas wiċċha bil-maskra u jżomm ħalqha biex hija ma tgħajjatx.  Hija bdiet tigdmu u tagħtih bis-sieq.  F'daqqa waħda beda jmissha kullimkien, qattgħalha t-tights, għolla l-libsa u daħħal subgħajh u idejh fil-parti taghha.  Kien aggressiv u hi kompliet tagħtih bis-sieq u tgħajjat.  Hija irnexxielha tigdmu f'idejh il-leminija, in-naħa tal-polz.  Hi kienet wiċċha mal-vann u hu daħħal idejh ix-xellugija minn wara.  L-inċident kollu baqa' għaddej madwar ħames jew għaxar minuti wara.  Il-maskra tagħha eventwalment waqgħet mal-art.  F'punt minnhom dan ħallieha, tella' l-qalżiet u telaq.  Huwa dar mill-ewwel għal Triq Xjuf ir-Riħ.

X'ħin ratu jitlaq, hija telqet tiġri lejn il-karozza, daħlet fiha, xegħlet il-karrozza u rat grupp ta' żgħażagħ ġejjin.  Dawn qalulha li kienu semgħuha tgħajjat u staqsewha jekk kinitx sew.  Hija tarrfitilhom x'kien ġralha.  Waħda tfajla Rachel Cremona ċemplet lill-Pulizija biex tagħmel rapport iżda ġiet infurmata li biex tagħmel rapport riedet tkun taf min kien l-aggressur.  Sadanittant wkoll dawn iż-żgħażagħ ċemplu lil wieħed ħabib tax-xhud, li akkumpanjaha d-dar.

Il-Ħadd filgħaxija x-xhud reġgħet marret in-Nadur din id-darba mar-raġel tagħha fi sforz sabiex tara tilmaħx lill-aggressur tagħha peress illi wiċċu kien għadu ċar f'moħħha. Hemmhekk hija għamlet rapport mas-Surġenta Lorraine Grech Mifsud u minn hemm marret l-Isptar Għawdex sabiex tiġi eżaminata u jiġi rilaxxat ċertifikat mediku, liema ċertifikat hija imbagħad għaddietu lill-Pulizija.

Kompliet tgħid li l-Pulizija komplew bl-investigazzjonijiet tagħhom sakemm imbagħad f'Marzu 2023, l-Ispettur Gauci għamel kuntatt magħha u infurmaha li kienu identifikaw suspettat. Hija marret l-Għassa fejn ġiet murija disa' ritratti ta' disa' individwi u hija identifikat lill-aggressur tagħha.

Ix-xhud ikkonfermat wkoll illi l-ismijiet tat-toroq kienet tafhom minn *Google Maps* u mhux għaliex kienet rathom hija stess. Hija ħadet nota fejn kienet ipparkjat il-vettura u imbagħad kienet użat *Google Maps* biex tasal għall-vettura tagħha.

Kompliet tgħid li hija kienet liebsa libsa twila sa rkubbtejha, *stockings*, *cardigan* iswed li jixbah *coat* qasir, xalla sewda, maskra lewn id-deheb u żarbun bit-takkuna ħoxna u kienet liebsa wkoll ħwejjeġ ta' taħt. Spjegat li l-aggressur tagħha kien rnexxielu jmexxi l-qalziet ta' taħt fil-ġenb u rnexxielu jdaħħal idejh fil-parti taghha.

Ix-xhud iddeskriviet lill-aggressur tagħha bħala raġel ta' statura twila ħafna li kien imżaqqaq, u wiċċu ma kienx iswed ħafna. Kellu xagħru 'l ġewwa, high

forehead, goatie sewda li dak il-hin għax kien id-dlam ma setgħetx tara li kellha ftit abjad magħha. Huwa kien liebes ġakketta skura u qalziet ċar *beige* u żarbun skur.

Spjegat li meta l-aggressur waqaf u telaq jiġri, hija ratu jtella' l-qalziet. Hi tenniet li kullma ħasset kien li kien daħħal idu fil-parti privata tagħha. Hija identifikat lill-imputat bħala l-aggressur tagħha.

**In kontro-eżami** meta mistoqsija x'kienet ir-raġuni għalfejn kienet damet kważi għoxrin (20) siegħa biex tagħmel ir-rapport, hija wieġbet li l-prijorita tagħha dak il-ħin kienet li tmur lura d-dar f' ambjent sikur. L-għada hija qalet lir-raġel tagħha b'dak li kien ġara u dakinhar stess iddeċidiet li tmur tagħmel ir-rapport. Hija fil-fatt telgħet in-Nadur biex tara jirnexxilhiex tara lill-aggressur tagħha u biex fl-istess ħin tagħmel ir-rapport dwar l-akkadut.

Mistoqsija x'kienu l-ismijiet tat-tlett żgħażagħ li kienu għenuha hija identifikathom bħala Leah Busuttil, Rachel Cremona u Kurt Mercieca. Qalet li dakinhar tal-akkadut hija kienet saret ħbieb magħhom tramite Facebook messenger u żammet kuntatt magħhom.

Mistoqsija x'kien qed jagħmel l-aggressur għal ħames jew għaxar minuti li dam għaddej l-inċidenti, hija wieġbet li huwa kien qed jirrejpjaha b'idejh. Il-ħin kollu huwa kien qed idaħħal u joħroġ idu għaliex hi kienet qed tirreżisti. Insistiet li idu daħlet kemm – il darba u li hija kienet qed tgħajjat u tinsisti miegħu biex jieqaf.

**L-Ispettur Josef Gauci**[11] xehed li dakinhar tal-Ħadd, dsatax (19) ta' Frar 2023 huwa kien xogħol filgħaxija l-Karnival tan-nadur. Hemmhekk huwa ġie infurmat minn PS 2100 Lorraine Grech Mifsud li ċerta Omissis 2 kienet għamlet rapport magħha dwar stupru li hija kienet sofriet minn raġel ta' karnaġġjon skur fi Triq San Ġakbu, Nadur fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd fit-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs). Dan waqt li Omissis 2 kienet sejra lura għall-karozza tagħha fi tmiem il-Karnival. L-istess Surġenta qaltlu li l-vittma kienet qaltilha li dan ir-raġel kien ipprova jirrejpjaha billi niżżel il-qalziet tiegħu u daħħal idu taħt il-libsa taghha. Din il-persuna tat deskrizzjoni tal-aggressur lis-Surġenta. Is-Surġenta qaltlu wkoll illi l-vittma kellha maskra ma' wiċċha u waqt l-allegat stupru l-aggressur kien għamlilha feriti ma' wiċċha. Kien għalqilha ħalqha b'idejh u hija ppruvat tigdmu. Is-Surġenta kompliet tgħidlu li hija kienet bagħtet il-vittma l-isptar biex jagħmlulha ċertifikat mediku tal-ġrieħi.

L-Ispettur kompla jgħid li l-inċident kien seħħ bejn Triq San Ġakbu u Triq Mattiju n-Nadur. Il-Pulizija raw x'cameras hemm fl-akkwati. Mill-investigazzjonijiet li saru, irriżulta li fi Triq Xjuf ir-Rih kien hemm camera fir-residenza 49, Serenity u li sid il-post huwa Peter Paul Mercieca. Din il-camera kienet tirrekordja kemm il-video kif wkoll sound. Ix-xhud spjega li mill-camera ta' Triq Xjuf ir-Rih tidher l-allegata vittima miexja qabel ma seħħ l-allegat stupru u jidher ukoll l-imputat miexi warajha. Din il-camera taqbad

[11] Fol. 103 – 109 tal-proċess; Fol 247 sa 248 tal-proċess.

wkoll twerżiq kontinwu ta' leħen ta' mara. Spjega wkoll illi kien hemm diskrepanzi fl-ismijiet tat-toroq bejn il-Google Maps, il-mapep tal-Planning Authority u tal-Lands fis-sens li Triq ta' Mattiju fuq il-Google Maps hija mniżżla Triq Buskett ta' Mattiju. Ix-xhud pero qal li uffiċjalment l-isem tat-triq huwa Triq ta' Mattiju. Il-ħin reġistrat fil-filmat ta' x'ħin seħħ l-akkadut kien fit-tlieta u kwart ta' filgħodu (03.15hrs) tad-dsatax (19) ta' Frar 2023. Irriżulta wkoll illi t-tifel ta' Peter Paul Mercieca, ċertu Kurt Mercieca kien wieħed mill-persuni li mar jassisti lill-vittma wara li din kienet ġiet allegatament stuprata. Miegħu kien hemm Rachel Cremona.

Ix-xhud kompla jgħid li fl-istess filmat ta' Triq Xjuf ir-Rih, l-imputat deher jerġa' jgħaddi jiġri mill-istess triq ftit wara kien li deher miexi wara l-vittma u wara li nstema' twerżieq ta' persuna femminili.

L-aggressur ġie identifikat bħala Omissis 1. Sar stħarriġ fuq il-mobile number tal-aggressur li huwa reġistrat fuq ismu ma' Meliṭa fejn irriżulta li dakinhar waqt il-ħin tal-istupru huwa kien qiegħed in-Nadur. Is-suspettat kien ġie arrestat u mir-residenza tiegħu kienu ġew elevati l-ħwejjeġ li dehru fil-filmati. L-Ispettur spjega kif hu kien bagħat għall-vittma u wrieha disa' ritratti ta' rġiel fosthom tal-imputat. Il-vittma identifikat lill-imputat. Minkejja li l-imputat dak il-ħin kien arrestat, l-imputat ma kienx qiegħed l-Għassa imma kien fil-lock-up u għalhekk il-parte civile ma kellha l-ebda opportunita li tarah qabel saret l-identifikazzjoni.

L-Ispettur – wara li ta d-drittijiet legali lill-imputat u dan għażel li jkun assistit minn Avukat tal-Għajnuna Legali – ħadlu stqarrija fejn dan ċaħad kompletament l-allegazzjonijiet tal-vittma. Fil-kors tal-investigazzjoni dwar dan il-każ, l-Ispettur ħa wkoll dikjarazzjonijiet ta' persuni oħra, fosthom ta' John Tabone u Abdi Shakur Mohammed Robi. Irriżultaw diskrepanzi bejn id-dikjarazzjonijiet li għamlu Tabone u Robi u dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija. John Tabone kien stqarr li huwa iltaqa' mal-imputat fejn il-Grotta ġewwa x-Xlendi u imbagħad telgħu n-Nadur flimkien. Dan meta l-istess imputat kien stqarr li kien iltaqa' ma' Tabone Marsalforn. L-imputat kien stqarr wkoll li Abdi Shakur, driver tal-Bolt, kien wasslu lura d-dar fix-Xagħra. Shakur pero innega dan kollu.

F'seduta ulterjuri, l-Ispettur Josef Gauci kien spjega wkoll kif ottjena d-dettalji tal-mobile tal-imputat mingħand il-Melita. Irrileva wkoll kif qabel ma kien ipproċeda biex jieħu l-istqarrija tal-imputat, huwa kien wera l-filmati li l-Pulizija kellha fil-pussess tagħha kif wkoll kien informa lill-imputat b'dak kollu li kienet sostniet Omissis 2 mal-Pulizija. L-imputat kien ġie muri wkoll ċ-ċertifikat mediku tal-ġrieħi ta' Omissis 2. L-imputat kien għaraf lilu inniffsu fis-CCTV footage tal-filmat tar-residenza Serenity, Triq Xjuf ir-Rih, in-Nadur, propjeta' ta' Peter Mercieca.

**<u>Abdi Shakur Mohamed Roble</u>**[12] xehed li qabel bagħtu għalih il-Pulizija rigward dan il-każ, huwa kien ilu ma jiġi Għawdex sentejn. Spjega li jaħdem

[12] Fol. 139 u 147 tal-proċess.

bħala xufier mal-Bolt u li huwa ibbażat f' Malta. Huwa iddikjara li kien jaf lill-imputat peress li kien Somalu bħalu iżda qatt ma kien ħareġ miegħu jew inkella iltaqa' miegħu Għawdex. Sostna li fil-Karnival tal-2023 hu kien qed jaħdem Malta u ma kienx tela' Għawdex. L-aħħar li kien iltaqa' mal-imputat kien xi sentejn qabel. In kontro-eażmi huwa spjega li kien ilu jaħdem mal-Bolt sa mis-sena 2019 u li ma kienx tela' Għawdex għal Karnival.

**<u>PC 109 Nathan Theuma</u>**[13] xehed li fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2023 flimkien ma' PC 1427 u PC 498 kien esegwixxa mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat Ismail Ali Garuf fl-indirizz 9, Wigi, Triq il-Kaċċa, Xagħra. Dakinhar tal-arrest kienet anke saret tfittxija fid-dar tal-imputat fejn ġew elevati xi ħwejjeġ u papoċċ li kellhom x'jaqsmu mal-allegat reat. Ix-xhud spjega li l-ħwejjeġ ġew elevati minn PC 1427 u dan kien poġġiehom ġo borża tal-plastik. Pero huwa personalment ma kienx preżenti fil-mument li ġew elevati.

**<u>PC 1427 Oliver Micallef</u>**[14] xehed li fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2023, hu flimkien ma' PC 109 u PC 498 esegwew mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat. Huma kienu marru fl-indirizz 9, Wigi, Triq il-Qaċċa, Xagħra. Saret tfittixija fid-dar tiegħu fejn hemmhekk huwa eleva xi ħwejjeġ u papoċċ li kienu qegħdin f'kamra ta' ġewwa fejn is-sodda fejn kien jorqod Ali Garuf.

[13] Fol. 171 sa 173 tal-proċess.
[14] Fol. 174 sa 177 tal-proċess.

Ix-xhud kompla jgħid li meta kien fid-dar tal-imputat huwa għaraf il-papoċċ u l-ġakketta minn xi stills u xi filmati li kien ra. Qal ukoll illi tefa' l-ħwejjeġ f'borża sewda normali (mhux evidence bag) u dawn ġew mgħoddija lill-Ispettur.

**Kurt Mercieca**[15] beda biex qal li hu u sħabu kienu neżlin id-dar tiegħu bl-indirizz 49, Serenity, Triq Xjuf ir-Rih, Nadur. Dan wara li kien spiċċa l-Karnival. Hekk kif waslu quddiem id-dar u fetħu l-bieb tal-garaxx, semgħu twerżiq ta' mara. Dan kien wara nofs il-lejl, għall-ħabta tas-sagħtejn jew it-tlieta ta' filgħodu. Għall-bidu ma tawx każ għax kien il-karnival iżda meta t-twerżiq baqa' għaddej, ix-xhud flimkien ma' Rachel Cremona u Leah Busuttil imxew fid-direzzjoni tat-twerżiq u kif daru l-kantuniera sabu mara fit-triq. Saru jafu li din kien jisimha Omissis 2 u staqsewha x'kien ġara. Għalkemm x'ħin sabuha kienet tidher sew u qed titkellem normali, wara ħames minuti dehret li kienet daħlet fi stat ta' xokk u bdiet tlaqlaq. Qaltilhom li kien ipprova jmissha wieħed sesswalment u li hija kienet gidmitlu idu u dan kien telaq jiġri. Qaltilhom li dan ir-ragel kellu ġilda skura. Ix-xhud seta' jinnota li li Omissis 2 kellha girfa fuq wiċċha taħt għajnejha u kienet qed timsaħha għax kellha ftit demm. Ix-xhud temm jgħid li huwa kien għadda l-filmati tac-CCTV tar-residenza tiegħu fi Triq Xjuf ir-Riħ lill-Pulizija. F'seduta sussegwenti, ix-xhud kien anke ikkonferma l-filmati li huwa kien għadda lill-Pulizija.

[15] Fol. 214 sa 217 tal-proċess; fol. 224 sa 226 tal-proċess.

**Rachel Cremona**[16] xehdet li fil-Karnival tan-Nadur tas-sena 2023, hija kienet qiegħda f'garaxx ta' Kurt Mercieca. Għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (04:00hrs), kien semgħu għajjat ta' mara. Għall-ewwel ħasbu li kienet ċajta tal-Karnival iżda imbagħad meta raw li din kienet baqgħet tgħajjat huma marru ħalli jaraw x'kien qed jiġri. Niżlu hi u Kurt Mercieca u raw mara. Din ġiet fuqhom u qaltilhom li kien attakkaha wieħed, beda jmissha, kien daħħal idu fid-dublett u semmithielhom wkoll il-kelma penetrazzjoni. Il-mara kellha d-demm ma' imneħirha. Hija kienet staqsietha kif kellha d-demm fejn il-mara qaltilha illi l-aggressur kien ċaftrilha l-maskra ma' wiċċha. Qalet li l-mara li kien jisimha Omissis 2 dehret anzjuża. Huma kienu ikkalmawha, kellmuha u ċemplu lil sħabha. Huma baqgħu hemm sakemm waslu sħabha fuq il-post. Ix-xhud kompliet tgħid li Omissis 2 qaltilhom illi l-aggressur kien iswed. Ix-xhud ma setgħetx tgħid f'liema triq kienu sabuha iżda ftakret li kienu niżlu mid-dar ta' Mecieca u daru fuq in-naħa tal-lemin. Qalet ukoll illi meta sabu lill-mara hi kienet qed tfittex il-karozza tagħha u kienet fi stat ta' xokk u kellha rogħda fuqha, tant li lanqas setgħet iċċempel lil sħabha. Infatti kienet ix-xhud stess li għamlet kuntatt ma' sħabha.

**In kontro-eżami**, ix-xhud speċifikat li t-twerżiq kien ta' xi ħadd li ma kienx qiegħed sew. Bejn li semgħu t-twerżiq u sabu lill-mara kienet għaddiet biss minuta għaliex huma ma tantx kienu bogħod minn fejn kien ġej it-twerżiq. Lill-mara kienu kellmuha fit-triq ħdejn il-karozza tagħha u imbagħad hija rikbet fil-vettura tagħha. Ix-xhud tenniet li hija lill-aggressur ma ratux. Il-

[16] Fol 218 sa 223 tal-proċess.

vittma qalet lilha u lil sħabha li kienet ġiet attakkata minn wieħed li mar fuqha u beda jmissha fil-parti privata t'isfel u semmiet il-kliem penetrazzjoni fid-dublett/ jew bid-dublett u fil-warrani. Qalet ukoll illi meta rat lil-Omissis 2 din kienet liebsa l-ħwejjeġ u kellha l-maskra bid-demm.

**John Tabone**[17] xehed li huwa kien ġie mitkellem mill-Pulizija fuq każ ta' ħabib tiegħu li ġieli iltaqa' miegħu Marsalforn. Ix-xhud spjega kif dakinhar tal-Karnival huwa kien Marsalforn u kien ċempillu l-imputat biex jiltaqgħu r-Rabat. Huma iltaqgħu r-Rabat biex jixorbu u għall-ħabta ta' nofs il-lejl marru l-Grotta. Peress li din kienet magħluqa, minn hemm marru n-Nadur. In-Nadur telgħu b'żewġ vetturi u ipparkjaw fejn id-dar tiegħu tan-Nadur. Minn hemm marru l-Pjazza u ħadu xi drinks. Biex jevitaw il-folol għaddew mill-ġenb tal-Knisja. F'ħin minnhom l-imputat qallu li kellu bżonn jagħmel il-bżonnijiet tiegħu. Ix-xhud qagħad jistenna lill-imputat għal xi kwarta. Meta ra li l-imputat ma kienx mar lura fejnu, huwa telaq lejn id-dar. Dan kien għall-ħabta tan-nofs siegħa u s-siegħa tal-Ħadd filgħodu. Ix-xhud temm jgħid li huwa ma kienx ipprova jikkuntattja lill-imputat dakinhar. Lanqas fil-ġranet ta' wara.

**Dr Anora Khan**[18] xehdet li hija kienet eżaminat lil Omissis 2 fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Dan wara li xi ħadd kien ipprova jistupraha. Qalet li l-pazjenta kellha nefħa fuq imneħirha u ferita fuq moħħha. Ix-xhud irrimarkat wkoll li

[17] Fol 227 sa 230 tal-proċess.
[18] Fol. 243 sa 244 tal-proċess.

l-pazjenta kienet qaltilha li ma kienx hemm penetrazzjoni.  Iċċertifikat il-ġrieħi li kienet soffriet Omissis 2 bħala ġrieħi ta' natura ħafifa.

**PC 498 Christian Farrugia**[19] spjega li fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2023 huwa ingħata struzzjonijiet biex jesegwixxi mandat ta' arrest kontra l-imputat mir-residenza bl-indirizz numru 9 Wigi, Triq ta' Kaċċa, Xagħra.  Ix-xhud qal li huwa ma kellu l-ebda involviment ħlief li qagħad fuq il-bankina jistenna sakemm il-kollegi tiegħu ħarġu bl-imputat.

**Ilona Masini**,[20] rappreżentanta tal-Aġenzija Identita spjegat li l-imputat kien applika għal permess ta' residenza u kien taħt protezzjoni umanitarja. Ikkonfermat illi n-numru tal-karta ta' identita' tiegħu l-ġdida u li hija valida hija xxxxx.  Qabel kellu numru ieħor li kien xxxxx iżda dan imbagħad ma baqax jiġi użat.  Ikkonfermat pero li ż-żewġ numri qegħdin jirreferu għall-istess persuna.

**Peter Mercieca**[21] xehed li fis-sena 2023, wara li kien għadda l-Karnival, il-Pulizija kienu marru d-dar tiegħu biex jelevaw xi filmati mis-sistema tac-CCTV li huwa għandu fuq barra tad-dar tiegħu bl-indirizz 49, Serenity, Triq Xjuf ir-Riħ, Nadur.  Huwa għaraf lil PC 1136 Joseph Cini bħala l-Pulizija li kien mar għandu d-dar biex jiġbor il-filmati.  Ix-xhud ġie muri xi stills fejn għaraf

[19] Fol. 245 sa 246 tal-proċess.
[20] Fol. 318 sa 320 tal-proċess.
[21] Fol. 369 sa 371 tal-proċess.

id-dar tiegħu u li dawn kienu juru dak li kienu qegħdin jiġbdu l-cameras li jinsabu fid-dar tar-residenza tiegħu.

**Sammy Camilleri**,[22] rappreżentant ta' Melita plc xehed li n-numru 7740 1948 kien jinsab reġistrat fuq isem Ali Garuf bl-indirizz Alfina Court A/ Flat 1, Triq Manwel Magro, Zebbug, Marsalforn. Huwa ippreżenta wkoll log tal-smses u l-calls li saru bejn it-tmintax (18) ta' Frar u d-dsatax (19) ta' Frar 2023.

**PC 1136 Nathan Joseph Cini**[23] xehed li bejn it-tnejn u għoxrin (22) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2023, huwa kien ġie mitlub minn PS 2100 sabiex jagħmel downloads ta' CCTV footage minn diversi djar fin-Nadur għar-rigward il-ġurnata tad-dsatax (19) ta' Frar 2023. Huwa spjega li niżżel filmati mis-segwenti indirizzi: 33, Triq il-Mitħna l-Qadima, in-Nadur; 34, Unique, Triq Xjuf ir-Riħ, Nadur; 46, Salvator, Triq Xjuf ir-Riħ, Nadur; u 49, Serenity Triq Xjuf ir-Riħ, Nadur. Huwa kien għadda dawn il-filmati lill-investigaturi.

**Dr Marisa Cassar**,[24] esperta tad-DNA nominata mill-Qorti, spjegat li hija kienet ħadet kampjun orali għall-fini tad-DNA tal-imputat. Hija ġabret wkoll il-ħwejjeġ tal-vittma u tal-imputat li kienu ġew esebiti u minn hemm analizzat jekk fuq il-ħwejjeġ tal-imputat u tal-vittma kienx jirriżulta d-DNA tal-imputat. Filwaqt li minn fuq il-ħwejjeġ tal-imputat li ġew elevati mill-

[22] Fol. 374 sa 375 tal-proċess.
[23] Fol. 383 sa 384 tal-proċess.
[24] Fol. 472 tal-proċess u fol. 490 u 491 tal-proċess.

Pulizija, instab il-profil ġenetiku tal-imputat, tali profil ma instabx fuq il-basket, il-maskra u l-ħwejjeġ l-oħra li kienet liebsa l-vittma fil-mument tal-akkadut.

**<u>Leah Busuttil</u>**[25] xehdet li hija kienet ma' sħabha għall-Karnival tan-Nadur. Għall-ħabta tat-tlieta (03:00hrs) jew l-erbgħa ta' filgħodu (04:00hrs) huma kienu sejrin id-dar tagħhom billi jordnaw Bolt. Għall-ewwel marru fid-dar ta' Kurt Mercieca. Magħha kien hemm l-istess Kurt u Rachel Cremona. Hi u dieħla fil-garaxx tar-residenza ta' Kurt instema' xi għajat. Isem it-triq ta' fejn tinsab ir-residenza ta' Kurt ix-xhud ma kintix tafu. Pero ftakret li biex tasal għaliha, trid timxi bid-dritt mill-każin tal-banda tan-Nadur. Spjegat illi l-għajjat kien ta' mara u għall-ewwel ħasbitu ċajta. Pero' mit-ton tal-vuċi u l-fatt li l-għajta kompliet għal ftit sekondi, indunat illi l-għajta kienet ta' xi ħadd li kien qiegħed f'diffikulta. Għall-ewwel hija baqgħet fil-garaxx biex ma tħallix il-garaxx waħdu filwaqt li Rachel u Kurt marru biex jaraw x'kien ġara. Iżda imbagħad ġietha l-kurżita u marret tara x'kien ġara. Rat waħda mara li imbagħad saret taf li kien jisimha Omissis 2 li kienet bilwieqfa fejn karrozza fuq in-naħa tal-passiġġier titkellem ma' Kurt u Rachel.

Ix-xhud spjegat kif Lorriane kellha d-demm ma' mneħirha għaliex qaltilhom illi l-aggressur kien għafas il-maskra ma' mneħirha biex hija tieqaf tgħajjat. Spjegatilhom wkoll kif hija kienet gidmitu u ppruvat timbuttah biex jitlaq. Ix-xhud qalet ukoll illi l-vittma qaltilhom li r-raġel kien ipprova jmissha, pero'

[25] Fol. 473 sa 479 tal-proċess.

Busuttil ma kienet staqsietha xejn dwar dan biex ma tindaħalx u iġġiegħel lil Omissis 2 tħossha skomda.

Qalet li għall-ewwel il-vittma ma tantx kellha paniku fuqha, iżda imbagħad malli għadda l-ħin u daħlet fil-vettura tagħha, hija bdiet tirtgħod u anke tibki meta irrealizzat x'kien ġara. Ix-xhud kompliet tgħid li l-vittma iddeskriviet lill-aggressur tagħha bħala raġel li kellu ġilda skura. Qalet ukoll illi hi, Kurt u Rachel qalulha biex tikkalma qabel ma ssuq għaliex kienet fi stat ta' paniku. Infatti Rachel ċemplet lil xi ħadd minn sħab il-vittma minn fuq il-mobile tal-istess vittma għax bix-xokk il-vittma ma setgħetx issib in-numru u iċċempel.

Ftit tal-ħin wara, waslu l-ħbieb tal-vittma u hija qaltilhom li xi ħadd kien mar fuqha u ipprova jmissha. Ix-xhud qalet li semgħetha tgħildilhom li kien messha fil-warranti. Sħabha baqgħu mal-vittma.

Ix-xhud temmet tgħid li l-vittma kellha l-maskra f'idejha u kellha qatgħa f'wiċċha u kellha d-demm fuq imneħirha u fuq sidirha.

<u>**In kontro-eżami**</u> ix-xhud ikkonfermat illi l-vittma kienet qaltilha li l-aggressur ipprova jmissha taħt il-qalziet imma ma rnexxilux jidħol. Pero' ma kinitx ċerta jekk semgħetx dan id-diskors mill-vittma jew minn ħaddieħor. Sostniet li l-vittma kienet qalet illi kienet gidmitu f'idejh u imbuttatu.

## C. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-Imputazzjonijiet</u>

Ikkunsidrat;

## I. **<u>Ir-Reat taħt l-Artikolu 198 tal-Kap. 9.</u>**

Qabel tidħol fid-dettal ta' din l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti sejra tibda biex tindirizza żewġ punti essenzjali sollevati mid-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha:

(a) Il-kredibbilita tal-parte civile;
(b) Il-fatt li hemm dubji li l-imputat kien l-aggressur.

Id-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha tipprova tiskredita lill-parte civile billi targumenta li fix-xhieda tagħha din qalet mod u imbagħad x'ħin marret quddiem it-tabiba hija qalet mod ieħor. Il-Qorti eżaminat fid-dettal ix-xhieda mogħtija mill-parte civile quddiem din il-Qorti u l-verżjonijiet li hija tat matul il-proċess kollu tal-investigazzjoni. Il-Qorti tistqarr li hija m'għandhiex dubju mill-veraċita ta' dak li xehdet il-parte civile. Din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) fl-ewwel lok il-parte civile kienet dejjem konsistenti fil-verżjoni ta' kif seħħet l-aggressjoni: sia fil-verżjoni li hija tat lis-Surġenta li ħadtilha r-rapport sia meta xehdet f'dawn il-proċeduri. Il-parte civile spjegat kif hija kienet miexja, spiċċat tiġi segwita minn raġel sakemm dan hekk kif kienet qrib fejn kienet parkeġġjata l-vettura tagħha, rassha ma' vann, neża' l-qalziet tiegħu, daħħal idu taħt id-dublett tagħha, mexxielha l-

qalziet ta' taħt u daħħal idejh kemm -il darba fil-parti privata tagħha. Fix-xhieda tagħha l-parte civile tagħmilha ċara li l-imputat kien stupraha b'subgħajh. Din il-Qorti ma irriskontrat l-ebda nuqqas ta' koerenza f'dak li qalet u xehdet il-parte civile;

(b) ix-xhieda li marru fuq il-post fejn seħħ l-akkadut – preċiżament Kurt Mercieca, Rachel Cremona u Leah Busuttil – u li kienu semgħu lill-parte civile tgħajjat, prattikament kollha jagħtu l-istess dettalji dwar dak li kien seħħ lill-parte civile. Dawn id-dettalji jikkombaċu ma' dak li stqarret il-parte civile. Kollha kemm huma mingħajr l-ebda eċċezzjoni jispjegaw kif l-parte civile kienet sfat attakkata sesswalment minn raġel ta' karnaġġjon skur u kif dan kien daħħal idejh taħt id-dublett tagħha;

(c) it-tlett xhieda jispjegaw wkoll li fi ftit minuti l-parte civile spiċċat fi stat ta' xokk qawwi, tant li hija ma setgħetx iċċempel lil sħabha biex jiġu fejnha. Dan huwa indikattiv tat-trawma li hija kienet għadha kemm għaddiet minnha. Huwa ċar li hija spiċċat bix-xokk wara li kienet għaddithielha s-saħna tad-demm li kellha meta kienet qed tikkumbatti mal-aggressur tagħha;

(d) għalkemm huwa minnu li Dr Anora Khan tgħid li l-parte civile qaltilha li ma kinitx hemm penetrazzjoni, wieħed irid jirrimarka li Dr Khan kienet qed titkellem mill-aspett mediku u mhux legali. Għall-professjonist mediku huwa ovvju li l-penetrazzjoni hija l-inseriment tal-organu maskili f'dak femminili. Dr Khan mhix esperta legali u żgur li mhux konxja tal-

fatt li mill-punto di vista legali penetrazzjoni tista' ssir mhux biss b'organu sesswali iżda b'kull parti oħra tal-ġisem. Il-parte civile kienet korretta x'ħin qalet lit-tabiba li penetrazzjoni ma kienx hemm propju għaliex l-imputat ma kienx daħħal l-organu sesswali tiegħu fil-parti privata tagħha. Għalhekk id-diskrepanza li d-difiża issostni li hemm fil-verita m'hi diskrepanza xejn.

Din il-Qorti wara li fliet fid-dettal il-provi kollha miġbura m'għandha l-ebda dubju li l-aggressur ma kien ħadd ħlief l-imputat. Dan għas-segwenti raġunijiet:

(1) il-parte civile identifikat lill-istess imputat meta saret il-*photo parade* fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex. Fix-xhieda tagħha, il-parte civile tistqarr wkoll kif hija il-Ħadd filgħaxija kienet marret in-Nadur propju biex tara tilmahx lill-aggressur tagħha **<u>għax wiċċu baqa' stampat f'moħħha</u>**. Dan apparti l-fatt li ma' kull minn tkellmet l-parte civile dejjem sostniet li l-aggressur tagħha kien wieħed b'karnaġġjon skur u kienet f'posizzjoni li tagħti deskrizzjoni tiegħu lill-uffiċjali tal-Pulizija fil-mument li hija għamlet ir-rapport. Id-deskrizzjoni mogħtija minnha kienet pjuttost dettaljata;

(2) hemm il-filmati tal-cameras tas-sigurta tad-dar ta' residenza 'Serenity", Triq Xjuf ir-Riħ, Nadur, li juru l-insegwiment tal-parte civile da parti tal-imputat. L-imputat imbagħad jidher jerġa' jgħaddi minn din it-triq jiġri

ftit wara li fuq l-istess camera jinstema' t-twerżiq ta' persuna femminili. L-imputat ikkonferma li huwa l-persuna li jidher f'dawn il-filmati;

(3) Il-mobile tal-imputat immarka li kien qiegħed fir-raħal tan-Nadur, fl-akkwati fejn seħħet l-aggressjoni. Dan hekk kif konfermat mil-localisation data li ġiet esebita;

(4) fl-istqarrija volontarja tiegħu l-imputat ta dettalji dwar il-movimenti tiegħu dakinhar li seħħ l-inċident. Dan wara li kien ingħata *a full disclosure*. Irriżulta pero li dak li stqarr l-imputat ma kellux mis-sewwa. L-imputat stqarr li huwa kien iltaqa' ma' sieħbu John Tabone f'Marsalforn u minn hemm baqgħu sejrin in-Nadur. Dan meta t-Tnejn li huma kienu iltaqgħu r-Rabat, niżlu l-Grotta u imbagħad telgħu n-Nadur. L-istess imputat stqarr li kien twassal id-dar minn ċertu Abdi Shakur Mohamed Roble. Dan meta l-istess Roble kien ilu ma jara lill-imputat għall-aktar minn sentejn u li dakinhar tal-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd tal-Karnival l-istess Roble ikkonferma bil-ġurament tiegħu li huwa ma kienx qiegħed Għawdex. Apparti minn hekk jekk kif stqarr l-istess imputat huwa ried jiltaqa' ma' Roble fi Triq il-Qala, ma kienx jagħmel sens li l-imputat jimxi fid-direzzjoni opposta ta' fejn kienet tinsab Triq il-Qala: infatti x'ħin deher jiġri fi Triq Xjuf ir-Riħ wara li instema' t-twerżiq, huwa kien qiegħed jitbiegħed u mhux jersaq lejn Triq il-Qala;

(5) il-fatt li l-imputat deher jiġri wara li kien instema' t-twerżiq ta' mara u wara li kien deher fil-filmati miexi warajha ftit minuti aktar qabel huwa indikattiv li l-imputat kellu xi forma ta' konnessjoni ma' dak it-twerżiq;

(6) huwa minnu li l-eżami forensiku li għamlet Dr Marisa Cassar ma irriskontra l-ebda profil ġenetiku tal-imputat fuq il-ħwejjeġ tal-parte civile. Li kieku din kienet l-unika prova li l-Prosekuzzjoni ġabet biex issostni l-każ tagħha, id-difiża kien ikollha raġun li tqajjem dan id-dubju. Pero kif rilevat aktar 'l fuq hemm diversi elementi oħra li ma jħallu l-ebda dubju li l-imputat kien il-persuna li aggredixxa lill-istess parte civile meta din kienet għaddejja għal-affari tagħha.

B'riferenza għall-ewwel imputazzjoni, id-difiża hija assolutament skorretta fl-argumentazzjoni li ma jistax jkun hemm ir-reat ta' stupru għaliex ma kienx hemm l-introduzzjoni tal-pene maskili fl-organu sesswali tal-parte civile. Kif irrimarkat il-Prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali tagħha, bl-emendi li kienu saru xi snin ilu dawn wessgħu l-kunċett ta' stupru biex anke jinkludi l-penetrazzjoni b'xi parti oħra tal-ġisem. Il-parte civile kienet ċara fid-deposizzjoni tagħha: hija spjegat kif l-imputat kien daħħal subgħajh kemm -il darba fil-parti privata tagħha. Użat il-kliem li kien stupraha b'subgħajh. Dan kollu sar mingħajr il-kunsens tagħha. Kif ħareġ mix-xhieda tagħha u mill-provi, kien hemm resistenza qawwija da parti tagħha għal dak li kien qed jagħmel l-imputat. Dan huwa konferma kif hija bl-ebda mod ma kienet qed tapprova dak li kien qiegħed isir. Hija fil-fatt bdiet twerżaq, gidmet anke lill-aggressur tagħha, ippruvat tagħmel minn kollox biex tipprova teħles mill-

morsa tal-imputat u anke ippruvat tagħtih bis-sieq. Infatti l-istess imputat minħabba r-resistenza tal-parte civile daħħal u ħareġ idejh kemm -il darba mill-parti privata tagħha. Għal din il-Qorti għalhekk huwa ċar li l-elementi kollha tar-reat ta' stupru jikkonfiguraw fl-interita kollha tagħhom u għalhekk il-Qorti sejra ssib ħtija f'din l-imputazzjoni.

## II. <u>Ir-Reat taħt l-Artikolu 207 tal-Kap. 9</u>

L-artikolu 207 tal-Kap. 9 jistabilixxi li: *"Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa seba' snin."*

Mid-diċitura tal-istess artikolu huwa ċar li dan ir-reat huwa reat ferm aktar minuri mir-reati l-oħra kontemplati fis-Sub-Titolu *"Fuq id-Delitti ta' Natura Sesswali"* tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa rifless wkoll fil-piena attribwita għal dan l-artikolu. Kif irrilevat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur S. Tanti) vs Omissis</u>**[26]: *"ir-reat ta' attentat vjolent għall-pudur kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali jista' jitqies bħala reat kompriż u involut fir-reat aktar serju ta' stupru jew dak ta' tentattiv ta' stupru."* Dan abbażi tal-massima li l-*piu comprende l-meno*. Għalhekk sejbien ta' ħtija fl-artikolu 198 sejjer iwassal wkoll għall-sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu.

[26] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Ġunju 2007 – Appell Numru 372/2006.

Madanakollu għall-fini ta' piena, din sejra tkun assorbita kompletament fil-piena għar-reat kontemplat taħt l-artikolu 198.

## III. <u>Ir-Reat taħt l-Artikolu 251A(1)(c)(e) tal-Kap. 9</u>

B'riferenza għal dawn l-artikoli li indika l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju u li jirreferu għat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, din il-Qorti tqis li hemm ostakolu legali sabiex tkun tista' tinstab ħtija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni. L-artikolu 251A(1) jitkellem dwar id-diversi forom ta' fastidju li bl-ingliż huwa definit bħala *"harassement*". Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija, dan l-artikolu jirrikjedi li jkun hemm kondotta ripetuta li effettivament twassal sabiex tikkrea fastidju (mhux sempliċi inkonvenjent) lill-parte civile. Dan huwa deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma *"îmġieba"* f'din id-disposizzjoni legali. Fil-każ in diżamina kemm mill-mod ta' kif inhi formulata l-imputazzjoni u anke mix-xhieda li tat il-parte civile, dan kien allegat inċident ta' darba li seħħ fis-dsatax (19) ta' Frar 2023 f'ħin speċifiku u li dam għaddej biss ftit minuti. Dan ifisser għalhekk li l-element essenzjali tar-ripetizzjoni u li huwa neċessarju għall-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 251A huwa kompletament nieqes.

Il-Qorti ma tqisx li fir-rigward tal-artikoli 251A(1)(c) u (e) l-element tar-ripetizzjoni tal-imġieba mhux rikjest u li anke okkażżjoni ta' darba tista' tammonta għal dan ir-reat. Dan għaliex il-leġislatur ma jagħmel l-ebda distinzjoni f'dan is-sens. Aktar importanti minn hekk, jekk il-leġislatur qies li l-aġir fil-paragrafi (c) u (e) tal-artikolu 251A huwa tip ta' fastidju li jrid jiġi

punit, biex wieħed jista' jitkellem fuq fastidju irid bil-fors ikun hemm l-element ripetittiv. Il-fastidju ossia l-*harassement* ġie definit mill-Black's Law Dictionary[27] bħala "*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose*". Għalhekk wieħed ma jistax jikkonkludi li hemm fastidju – hu ta' liema natura jkun – jekk ma jkunx hemm l-element ripetittiv. Dan ir-raġunament il-Qorti abbraċċjatu wkoll fil-kunsiderazzjonijiet li saru fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Norman Bugeja***, deċiża fl-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022 u konfermata fl-appell fit-tmintax (18) ta' April 2024. L-Ewwel Qorti enfasizzat il-ħtieġa li jrid jiġi pruvat l-element ripettitiv wkoll fir-rigward tar-reati ipotizzati fil-paragrafi (c) u (e) tal-artikolu 251A tal-Kap. 9:

> *"Illi dan l-Artikolu għandu applikabilita' pjuttost wiesa' li jinkorpora kull att jew ġest ta' konnotazzjoni sesswali li seta' kien spjaċevoli għal min kien qed jissubih. Illi f'dawn il-proceduri m'hemmx dubju li l-atti magħmula mill-imputat isibu l-applikabilita' tagħhom taħt din id-dispozizzjoni u fejn ukoll m'hemmx dubju li l-minuri wrew l-istmerrija tagħhom għal dawn l-atti magħmulin mill-imputat.*
>
> *Illi l-Qrati nostrani kellhom diversi okkażżjonijiet fejn trattaw dawn it-tip ta' reati fosthom fil-proċeduri bl-ismijiet **Il-Pulizija***

[27] 7th Edition.

***v. Ahmad Yassine*** *deċiża fit-8 ta' Jannar 2020 fejn il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:-*

*"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-leġislatur fittex sabiex tiġi issanzjonata dik l-imġieba li tista' toħloq fastidju, għalkemm l-ebda definizzjoni ma tingħata lil dan it-terminu legali.*

*... Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi għandu joħroġ illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lill-vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf* ***f'imġieba volutament ripetuta*** *u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa.."*[28]

Għalhekk il-Qorti ma tqis li t-tielet imputazzjoni tirriżulta u għalhekk sejra tillibera lill-imputat minnha.

## IV. Ir-Reat taħt l-Artikolu 86 tal-Kap. 9

L-artikolu 86 tal-Kap. 9 jippunixxi lil kull minn jarresta, iżomm jew jissekwestra persuna kontra l-volonta tagħha, sakemm tali arrest jew żamma ma jkunx permissibli skont il-liġi. Huwa u jitkellem fuq l-element materjali ta' dan ir-reat, il-Professur Mamo[29] jikkummenta li:

[28] Il-Pulizija vs Norman Bugeja deċiża fl-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022, paġna 17.
[29] Notes on Criminal Law (1953 edit), Pati II. Pg. 40.

> *"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

Francesco Antolisei jkompli jgħid: *"E` necessario, peraltro, che la perdita della liberta` si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."* Mamo jagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni: "*In questo senso Cass. 16 giugno 1950, in Giust. pen. 1951, II, 73, 78. Contra Cass. 14 febbraio 1958, in Giust. pen. 1958, II, 1098, secondo cui sarebbe irrilevante la durata della limitazione alla liberta` del soggetto passivo. Con la sentenza 14 gennaio 1961, in Mass. pen. 1961, m. 388, la Corte di Cassazione ha precisato che la privazione della liberta` di movimento del soggetto passivo deve perdurare "per un apprezzabile lasso di tempo, anche*

*brevissimo", cosi che non sarebbe rilevante solo se "momentanea e fugace".*[30]

Il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li kienet osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Camilleri** (Appell Numru 178/2010) fejn qieset li ż-żamma ta' persuna sakemm saret serqa li damet mhux aktar minn minuta ma kinitx żamma fugaċi u li għalhekk setgħet tinstab ħtija fl-artikolu 86. Infatti l-Qorti kienet qalet hekk: *"L-ewwel Qorti dehrilha li l-mument li fih seħħet is-serqa in kwistjoni kien fugaċi. L-appellant Avukat Generali jsostni l-kuntrarju. Wara li din il-Qorti eżaminat l-atti, ikollha tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali. Joan Zarb Adami xehdet li l-incident ġara "f'sekondi. Ma naħsibx li kienet skorriet minuta." Fil-fatt ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-inċident ħa aktar min sekonda, tnejn, sakemm l-appellat fetaħ il-bieba tax-xufier tat-truck u sprejjalu l-pepper spray ġo wiċċu, u sadattant persuna oħra kisser ħġieġa tal-bieba l-oħra u seraq il-pouch bil-flus li kellu x-xufier fuq is-seat tal-passiġġier. Għalhekk, għalkemm wieħed jista' jitkellem dwar "tempo brevissimo", dan kien iktar minn mument "fugaċi". Għalhekk l-ewwel Qorti kellha ssib ħtija anke dwar din l-imputazzjoni."*

M'hemmx dubju li għal xi ħin l-parte civile ġiet miżmuma kontra l-volonta tagħha mill-imputat. Dan billi l-istess imputat rassha ma' vann u ma ħallihiex titlaq. Għalkemm hija kemm -il darba insistiet miegħu biex iħalliha

[30] *Roberti, Corso Completo, para. 323 kif citat f'Notes on Criminal Law, Vol. II, Prof. Sir Anthony Mamo p. 35.*

titlaq u ippruvat anke taħrab mill-qabda tiegħu anke billi tagħti b'saqajha, hija ma rnexxilhiex. Huwa ċar li l-imputat kien qed iżommha biex huwa jkun jkun jista' jkollu x'jaqsam magħha sesswalment. Biex żgur jirnexxi fl-iskop tiegħu, l-imputat beda anke jipprova jagħlaq ħalq il-parte civile biex hi ma tkomplix tgħajjat ħalli tattira l-attenzjoni ta' persuni oħra. Dan biex jkun jista' jkompli jżomm lill-parte civile għall-aktar ħin. Għalkemm l-inċident in kwistjoni dam bejn ħames (5) u għaxar (10) minuti u għalhekk mhux xi ammont twil ta' ħin, din il-Qorti ma tistax tqis li ż-żamma tal-parte civile kienet waħda fugaċi u li allura teskludi r-responsabbilita kriminali taħt dan l-artikolu. Għal dawk il-ftit minuti, l-parte civile kienet fl-impossibilita li hija tmur fejn riedet propju għaliex kienet qiegħda tiġi miżmuma mill-imputat. Għalhekk ir-raba' imputazzjoni wkoll tirriżulta.

## V. <u>Ir-Reat taħt l-Artikoli 214 u 221 tal-Kap. 9</u>

Dawn l-artikoli jattribwixxu sanzjoni penali għal kull minn jikkawża feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' xi ħadd. Din il-Qorti m'għandhiex dubju li fl-aggressjoni li wettaq l-imputat fi sforz sabiex jissodisfa l-impulsi sesswali tiegħu, huwa ikkaġuna feriti f'wiċċ il-persuna tal-parte civile. Il-feriti ġew kaġunati billi l-imputat tul l-aggressjoni għafas il-maskra ma' wiċċ il-parte civile. Infatti jirriżulta biċ-ċar li l-ġrieħi kienu kollha f'dik il-parti ta' wiċċ il-parte civile li kienet mgħottija bil-maskra. Dan hekk kif joħroġ miċ-ċertifikat mediku rilaxxat minn Dr Anora Khan u konfermat bil-ġurament minnha stess. Apparti minn hekk hemm wkoll il-korraborazzjoni tax-xhieda okulari Kurt Mercieca, Rachel Cremona u Leah Busuttil li ilkoll kemm huma marru

fejn il-parte civile mumenti biss wara li l-imputat kien ħarab minn fuq il-post. It-tlieta li huma jirreferu għall-fatt kif Omissis 2 kellha demm frisk fuq wiċċha, konferma ċara li l-ġrieħi kienu għadhom kemm ġew kaġunati. L-entita tal-ġrieħi tirriżulta wkoll miċ-ċertifikat mediku esebit. Il-Qorti sejra għalhekk issib ħtija fl-imputat f'din l-imputazzjoni.

## VI. Ir-Reati taħt l-Artikoli 209 tal-Kap. 9 u 338(bb) tal-Kap. 9

L-artikolu 209 jispeċifika li huwa ħati ta' reat kull minn joffendi l-pudur jew il-morali, b'għemil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Borg**,[31] il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irrimarkat is-segwenti b'riferenza għall-artikoli 209 u 338(bb) tal-Kap. 9:

> *"Din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha l-opportunita` li teżamina d-differenza bejn id-delitt kontemplat fl-Artikolu 209 u l-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(bb) fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Raymond Caruana. F'dik is-sentenza ġie osservat li l-liġi tagħna, fl-Artikolu 209, evitat l-ispeċifikazzjoni ta' attijiet ta' libidini jew impudiċi jew oxxeni, u kkuntentat bil-lokuzzjoni ta' att li "joffendi l-pudur jew il-morali". Għalhekk huwa*

[31] Deċiż fl-10 ta' Settembru 2007 per STO Prim' Imħallef Vincent Degaetano – Appell Kriminali Numru 29/07.

*biżżejjed għall-finijiet ta' dan ir-reat li l-att ikun tali li joffendi s-sens ta' deċenza fi grad tali li wieħed jista' jgħid li jnissel, jew jista' jnissel, "un senso di disagio, disgusto o ripulsione." L-element intenzjonali hu sodisfatt jekk l-att offensiv tad-deċenza fil-grad imsemmi jkun volontarju, bla ma hu meħtieġ id-dolo speċifiku, ċioe` l-intenzjoni speċifika li wieħed joffendi. Id-differenza, imbagħad, bejn id-delitt taħt l-Artikolu 209 u l-kontravvenzjoni taħt l-Artikolu 338(bb) hija wahda ta' grad, b'wieħed mill-kriterji ta' distinzjoni li gew suġġeriti jkun dak ta' jekk l-att fih innifsu jkunx wieħed li intrinsikament joffendi d-deċenza u jkun magħmul deliberatament sabiex min jagħmlu jagħti sfog għall-volji laxxivi tiegħu jew ta' ħaddiehor, jew jekk ikunx l-effett ta' zbadatezza jew ta' non-kuranza jew ta' nuqqas ta' rigward.[32] Pero` taħt iż-żewġ disposizzjonijiet irid ikollok għall-anqas, u bħala minimu, offiża għad-deċenza pubblika. Id-deċenza pubblika ġiet definita bħala "quel minimo di convenienza e di decoro che deve presiedere nei rapporti fra i consociati, secondo il grado di civilta` di un popolo in un determinato momento storico."*

[32] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Kevin Pepe**, Appell Kriminali deċiż fil-11 ta' Lulju 1995 per l-Onor. Imħallef Dr Victor Caruana Colombo.

Mill-provi prodotti – senjatament mix-xhieda tal-parte civile li kif ġia ingħad il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni biex tiddubita l-veraċita tal-istess verżjoni – jirriżulta li l-imputat:

(a) neża l-qalziet tiegħu fi triq pubblika. Infatti l-parte civile tistqarr li hekk kif dan reħieha u ma baqax fuqha, dan telaq jiġri u fl-istess ħin kien qed jipprova jtella' l-qalziet tiegħu. Dan jikkonferma kif l-imputat kien neża' l-qalziet tiegħu fi sforz sabiex ikollu x'jaqsam sesswalment permezz tal-parti privata tiegħu mal-vittma f'post pubbliku. Ma kien hemm l-ebda raġuni oħra għalfejn f'dawk iċ-ċirkustanzi l-imputat kellu jinża l-qalziet li kellu fuqu;

(b) meta l-imputat stupra lill-parte civile billi daħħal subgħajh ta' idejh fil-parti privata tagħha waqt li kien fit-triq pubblika, jiġi li l-istess imputat għamel atti ta' natura sesswali f'lok li huwa espost għall-pubbliku. Għalkemm kien bil-lejl, f'dawk il-jiem kien qiegħed jiġi ċelebrat il-Karnival u kien għad hemm nies fit-triq. Infatti jirriżulta biċ-ċar li l-imputat waqaf mill-aġir tiegħu u ħarab minn fuq il-post għaliex nies li kienu fil-qrib fit-triq fil-viċin semgħu l-għajjat tal-parte civile u marru jaraw x'kien qed jiġri.

Bla dubju dan l-aġir tal-imputat jammonta għall-għemil li huwa punibbli taħt dan l-artikolu għaliex kif ingħad fil-ġurisprudenza huwa tali li jnissel "*un senso*

*di disagio, disgusto o ripulsione*". Għalhekk din il-Qorti tqis li r-reat kontemplat taħt l-artikolu 209 jirriżulta wkoll.

Għar-rigward ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(bb) dan huwa kompriż u involut fir-reat kontemplat taħt l-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali. Kif ingħad, dan ir-reat kontravvenzjonali huwa ta' grad ta' serjeta anqas minn dak kontemplat fl-artikolu 209. La darba għalhekk qed tinstab ħtija taħt l-artikolu 209, dan ir-reat kontravvenzjonali sejjer jirriżulta b'mod awtomatiku abbażi tal-massima li l-*piu comprende il meno*. Dan ifisser li s-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni ġew pruvati.

**D. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Għalkemm l-imputat m'għandux fedina penali ħoxna ktieb u sal-lum kien instab ħati biss ta' reati kontravvenzjonali, din il-Qorti ma tistax tinjora s-serjeta tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat sejjer jinstab ħati – li huma fil-maġġior parti kbira tagħhom reati ta' natura sesswali – kif wkoll iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Dan kien każ fejn kellek mara li kienet għaddejja weħidha għall-affari tagħha u li intortament sfat attakkata mill-imputat li jidher li għamel l-arja magħha għax kienet weħidha. Din l-esperjenza kellha effettiv negattiv immens fuq il-parte civile kif anke spjegat hija stess fid-deposizzjoni tagħha. Saħansitra kellha bżonn għajnuna psikoloġika minħabba t-trawma li soffriet riżultat ta' din l-aggressjoni. Persuna għandu jkollha s-serħan tal-moħħ li hija tista' timxi fit-toroq ta'

pajjiżna b'mod sigur u huwa għalhekk li din il-Qorti sejra timponi piena karċerarja effettiva.

Il-Qorti sejra tordna wkoll li l-imputat għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż peritali inkorsi f'dawn il-proċeduri, esklużi pero dawk ta' Dr Marisa Cassar. Dan peress li l-konklużjonijiet tal-istess esperta ma kienu tal-ebda utilita għal din il-proċedura.

Il-Qorti tqis wkoll li fiċ-ċirkustanzi l-imputat għandu wkoll jikkompensa lill-ħatja tat-trawma li huwa għaddieha minnha.

**E. <u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi:

(i) **<u>mhux qiegħda issib lill-imputat Omissis 1 ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u qiegħda tilliberah minnha</u>**;

(ii) wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 198, 207, 209, 214, 221 u 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta **<u>qiegħda issib</u>** **<u>lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni</u>** u qiegħda tikkundannah għall-piena ta' **<u>erba' (4) snin priġunerija effettivi</u>**. Minn dan it-terminu ta' priġunerija li qiegħed jiġi impost, għandu jitnaqqas iż-

żmien kollu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ li qiegħed jiġi deċiż illum.

In oltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-ħati Omissis 1 sabiex **<u>fi żmien sitt (6) xhur minn meta jiskonta s-sentenza ta' ħabs</u>** li qiegħda tiġi imposta huwa jħallas lir-Reġistratur l-ammont ta' erba' mija u erbgħa u ħamsin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€ 454.53)[33] rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi b'rabta mal-esperti nominati f'din il-kawża eskluża l-esperta Dr Marisa Cassar.

Wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittma Omissis 2. L-ordni qed tiġi magħmula **<u>għal żmien tlett (3) snin mil-lum</u>** taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni ta' trażżin u cioe li jekk jinstab ħati li kiser tali ordni huwa jista' jeħel multa ta' sebat elef ewro (€ 7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew it-tnejn li huma.

[33] Jonathan Mizzi - € 454.43

Il-Qorti wara li rat wkoll l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna lill-ħati **sabiex iħallas lill-parte civile l-ammont ta' ħamest elef ewro (€ 5,000)** rappreżentanti kumpens likwidat minn din il-Qorti għall-ħsara morali / psikoloġika kaġunata lill-parte civile b'riżultat tar-reati kommessi mill-ħati fil-konfront tagħha. Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien sena minn meta l-ħati jiskonta s-sentenza ta' ħabs imposta b'din is-sentenza. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħal li kieku kienet sentenza mogħtija minn Qorti jew Tribunal Ċivili kompetenti.

Il-Qorti tordna wkoll li a tenur tal-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 din is-sentenza għandha tiġi notifikata lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex isem il-ħati jiġi reġistrat fir-Reġistru skont id-disposizzjoni tal-imsemmi Kap. 518. Dan la darba din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Finalment sabiex tiġi protetta l-identita tal-vittma, il-Qorti qiegħda tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma kif wkoll ta' isem il-ħati.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur